MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2004

Numru 103/1998

PULIZIJA
SPETTUR HELGA DEBONO
VS
CHARLES ZAHRA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Charles Zahra ta’ 44 sena iben Vincent u Gorga nee Degiorgio imwieled Hal Qormi fit-3 t’April 1954  u joqghod The Orchids, Triq Sultana Rahal Gdid numru tal-karta tal-identita  375454M talli f’diversi bnadi f’dawn il-gzejjer, fil-tlett snin qabel il-31 ta’ Jannar 1998 b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-sitess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:-
Approrija ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma  ta’ aktar minn Lm8883 fdata kew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depositu necessarju u dan ghad-dannu tal-

Gvern ta' Malta, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu that titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tas-somma jew li jsir uzu minnha specifikat u dan bi ksur tal-artikoli 293 u 294 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi l-Kummissarju tal-VAT kien kiteb lill-pulizija biex jgharrafhom illi bejn 1995 u April 1997 l-imputat kien iffirma returns fis-sens li kellu jaghti Lm19,800 f'VAT lill-Gvern u li minn dan l-ammont hu kien hallas biss Lm10,325 u ghaldaqstant il-Kummisarju tal-VAT kien talab lill-pulizija biex jiehdu passi kontra tieghu.

Illi l-pulizija ghaldaqstant kienu baghtu ghall-imputat u kienu investigawh. Jirrizulta mill-istqarrija dok RC a fol 14 illi l-imputat kien direttur tal-Kumpanija Rees Furniture Limited li kienet sejra lura hafna finanzjarjament u l-imputat ma kellux min fejn ihallas.

Fl-istess stqarrija huwa gharaf illi kellu jaghti ftit aktar minn Lm8000 lill-Gvern u li dan l-ammont ta' flus intefqu fi spejjez tal-kumpanija cioe f'pagi, f'kera u f'dawl.

Dokument RC2 (letter to prosecute) giet konfermata minn James Farrugia a fol 22.

PS1262 Zammit ikkonferma l-istqarrija a fol 17.

Mark Catania a fol 29 ikkonferma illi fit-30 ta' Marzu 1998 l-imputat hallas Lm2000 mill-ammont dovut u kien

qieghed fi trattattivi mal-VAT Department sabiex jaslu ghal ftehim dwar il-hlas tal-arretrati.

Dr Edward Debono a fol 65 xehed dwar id-diffikultajiet estremi li fihom jinstab l-imputat u cioe li wasal fi stat ta' indigenza u l-anqas ma kellu biex jmantni l-familja tieghu. Illi sahansitra kien qed jpprova jsib xoghol pero l-eta tieghu kienet timmilita kontra dan.

Dr Debono xehed illi kien hemm trattattivi sabiex is-socjeta fuq imsemija tiddikjara falliment izda l-imputat l-anqas biss kellu flus biex jintavola dawn il-proceduri.

Illi nelfrattemp l-imputat informa lill-Kumsmisarju tal-VAT illi l-makkinarju ta' Rees Furniture Company Limited li kien sekwestrat minn terzi kien qieghed jinbiegh

Claire Borg a fol 74 esebit Memorandum and Articles of Associates ta' Rees Co. Ltd.

A fol 115 Miss borg infurmat l-Qorti ili r-Registratur tal-Kumpaniji ma dehrlux illi seta permezz tal-Art 326 jibda proceduri ta' falliment kontra Rees Furniture Co Ltd ghar-ragunijiet elenkati fix-xhieda.

Min-naha taghha id-difiza esebit dok CG1 li juru illi l-istess Kummissarju tat-Taxxi fuq Valur Mizjud intavola proceduri ta' falliment kontra l-kumpanija tal-imputat u dana fil-25 ta' Ottubru 2002.

Il-Qorti imbaghad rat il-verbal tat-21 ta' Novembru 2003 fejn l-prosekuzzjoni u id-difiza irrimettew ruhom ghall-provi.

Ikkunsidrat:-

Illi din il-Qorti ghandha quddiemha akkuza wahda taht l-Art 293 u cioe dik ta' approprijazzjoni in debita, mhux xi ksur tar-regolamenti tal-Ordinanza tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

L-Art 293 tal-kap 9 jipprovdi is-segwenti:-

“Kull min japproprija ruhu, billi jdawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra min haga ta’ haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jehel, meta jinstab hati, il-piena ta’ prigunerija ghal zmien mhux izjed minn disa xhur.”

L-Art 294 imbaghad jikkontempla ic-cirkostanzi aggravanti li jistghu jakkompanjaw dan ir-reat u cioe meta ir-reat mahsub taht l-Art 293 jsir minhabba “il-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz…… jew minhabba depositu necessarju……..”

Mill-fatti speci tal-kaz u bil-parametri tad-disposizzjoni tal-ligi fuq indikata johrog car illi l-imputat fil-fatt naqas illi jghaddi Lm6883 lid-Dipartiment tal-VAT.

Illi il-prosekuzzjoni pero f’kawzi simili mghandhiex biss tipprova in-nuqqas ta’ hlas izda hija tenuta illi tipprova illi dan il-hlas ma sarx il-ghaliex il-flus li kellhom indirizzati lejn il-VAT gew imdawwra bi profitt ghall-imputat jew haddiehor.

Din il-Qorti ma sabet ebda xrara ta’ evidenza ta’ dan l-element kardinali biex jigi sostanzjat ir-reat li bih jinstab mixli l-imputat.

Ghal kuntrarju l-unika prova f’dan il-kamp jindika illi l-kumpanija tal-imputat hija l-kumpanija falluta u li l-proceduri gew istitwiti mill-istess Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (ara dok CG1) u gie mahtur bhala stralcjarju David J Pace ghad-ditta Pace, Galea, Musu ghal din il-kumpanija.

Illi kif jinghad fis-sentenza Pulizija vs Borg Cole Appell Kriminali datat 23 ta’ Dicembru 2003 u kif jispjega Luigi Magno f’Commento al Codice Penale Italiano UTET (1922) Vol IV para. 1951 pag. 105:-
**“Il dolo speciale nel reato di appropriazione in debita e (come nel furto u nella truffa) l’animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso , il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione**

**del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penali."**

Illi l-imputat fl-istqarrija tieghu jghid kif huwa, marsus bis-sitwazzjoni inweghra tieghu beda jipprova jlahhaq mal-pagamenti li kien dovut li jaghmel biex jipprova johrog lill-kumpanija mil-gwaj finanzjarju.

Din il-Qorti ma tistax f'nuqqas ta' provi ta' infieq bl-addocc, ta' estravaganza, ta' hlasijiet lill-kredituri mhux strettament koncernati mal-kumpanija a skapitu tal-kwerelant, issib lill-imputat hati ta' id-dolo mahsub u rikjest fir-reat ta' inapproprijazzjoni in debita.

Dan qed jinghad il-ghaliex l-uniku hlasijiet illi l-imputat kien qed jaghmel kienu il-basic minimum sabiex jibqa jahdem biex forsi jhallas il-commitments tieghu.

Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma illi jonqos l-element formali tar-reat. Ili in oltre l-kwerelant ipproceda ghall-hlasijiet dovuti billi jintavola proceduri civili meta apprezza il-falliment tal-imputat u inizzja proceduri ghal falliment kif jidher minn dok CG1.

Illi apparti dana kollu jrid jinghad illi il-VAT dovut kien jirrigwarda il-mistier tal-imputat fi hdan il-kumpanija Rees Furniture Company Limited.

Illi ghaldaqstant l-imputat kellu jitharrek semmai bhala Direttur ta' tali kumpanija u mhux f'ismu proprju.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------